MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Numru. 1082/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**vs**
**OMMISSIS**
**HENRY GROGAN**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **Barry John Grant** ta' 27 sena, iben Simon John Grant u Maria Sylvana nee' Urpani, imwieled Northampton l-Ingilterra nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Marzu, 1983 u residenti no. 41 'Kevin', Flat no.2, Triq Nuzzo, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 149703L, u **Henry Grogan** ta' 26 sena, iben Carmel u Rita nee' Attard, imwieled Pieta' nhar il-erbgha ta' Lulju, 1984 u residenti no. 4, Triq il-Biedja, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 328884(M).

1. Billi gew akkuzati talli gewwa Attard nhar l-20 ta' Settembru 2010, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' *generator* u zewg cilindri tal-gas minn go kamra f'ghalqa fi Triq San Tumas, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37, u dan sar ghad-detriment ta' Nicola Schembri u/jew persuni ohra;

2. Lill **Henry Grogan wahdu** talli nhar l-20 ta' Settembru 2010, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe' laqa' ghandu *generator* u zewg cilindri tal-gas, liema oggetti huma propjeta' ta' l-imsemmi Nicola Schembri u/jew persuni ohra;

Rat illi nhar it-23 ta' Novembru 2010 l-imputat Barry John Grant irregistra ammissjoni w il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha, w li l-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat odjern Henry Grogan stante l-amissjoni ta' Barry John Grant, u l-Qorti laqghet it-talba taghha, w kien ghalhekk li din is-sentenza ser tinghata biss fil-konfront tal-imputat Henry Grogan u zmien wara li inghatat dik ta' Barry John Grant.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, liema kunsens jnsab esebit fl-atti a fol. 9, immarkat bhala Dok CSH 4.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu w b'mod volontarju.

Ikkunsidrat:-

Nhar il-15 ta' Marzu 2011 xehed l-**Ispettur Anthony Portelli** fejn spjega illi nhar l-20 ta' Settembru 2010 ghall-habta tat-3.30p.m. huwa kien gie moghti struzzjonijiet mis-Supretendent Valletta sabiex jinvestiga kaz fejn PC 719 David Sant flimkien ma' PC 1313 Jeffrey Abela, waqt li

kienu fuq ir-ronda ghaddejjin minn Hal-Qormi kienu arrestew zewg persuni. Wiehed mill-imputati huwa l-imputat odjern Henry Grogan waqt li l-iehor kien Barry John Grant.

Qal li mill-informazjoni moghtija lilu mill-pulizija tal-Mobile, l-imputati dehru suspettuzi bil-mod kif kienu qed jitkellmu waqt li kienu fil-vettura tal-ghamla Maruti bin-numru ta' registrazzjoni HAS 623. Skond l-informazzjoni li nghatat lilu, dawn iz-zewg persuni kienu qed jaghmlu xi negozjati ma' xi hadd bil-hanut tal-*ironmongery* u appena raw lill-pulizija dahlu fil-karozza w telqu 'l hemm.

Sussegwentement il-pulizija waqafithom u meta ghamlu tfittixija fil-vettura taghhom sabu *generator* u zewg cilindri tal-gas. Dawn gew immarkati bhala Dok AP 1 u AP2 wara li gew esebiti formalment.

Huwa kien baghat ghal Grant u l-imputat odjern u l-imputat irrilaxxja stqarrija li giet esebita u markata bhala Dok AP3. Spjega li waqt li Grant ghall-ewwl qallu li kien gab l-affarijiet mid-dar, wara ammetta mieghu li kien seraqhom. L-imputat qallu li waqt li Grant hareg l-affarijiet minn fuq ic-cint issuspetta li dawn l-oggetti setghu kienu gejjin minn attivita' kriminali. Qal li l-oggetti gew ritornati immedjatament lil sidhom, li huwa s-sieheb t'omm Grant, u wara huwa ressaq lill-imputat u lil Grant il-Qorti.

Illi nhar is-26 ta' April 2011 huwa esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-raport li sar minn Nicola Schembri li gie mmarkat bhala Dok AP1 ukoll.

In kontro-ezami nhar it-3 ta' Mejju 2011 mistoqsi jekk l-imputat ikkoperax mieghu waqt l-investigazzjoni, cioe' jekk spjegax minn fejn gew l-oggetti in kwistjoni, jwiegeb illi fil-bidu nett wara li tah is-solitu twissija skond il-ligi, huwa qallu li Barry Grant li kien originarjament akkuzat mieghu, kien gab dawn l-affarijiet mill-flat tieghu fil-Hamrun. Jghid li sa dak il-hin pero' Barry Grant ma kienx qed jikkopera w ma riedx iwiegeb il-mistoqsijiet, u ghalhekk kellu joqghod fuq dik il-verzjoni. Jghid li kien hemm xhieda ohra bhat-tfajla ta' Barry Grant biex tikkonferma jew tivverifika jekk

hux minnu li dawk l-oggetti kienu fil-flat tieghu u sa dak il-hin l-oggetti kienu ghadhom ma rrizultawlux li kienu misruqa.

Sussegwentement Barry Grant iddecieda li jikkopera w qallu li kien mar fir-razzett minn fejn originarjament kien ittiehed dan il-*generator*, qabez ic-cint, dahal gewwa, sgassa, gab il-*generator*, ghaddieh minn fuq ic-cint. Min pero' rcevieh fuq in-naha l-ohra tac-cint ma waslitx, pero' naf li l-imputat odjern kien fil-karozza fuq in-naha l-ohra tat-triq. U ghalhekk jixtieq jghid li l-imputat mieghu ma qalx il-verita'. Effettivament Barry Grant kien gabu. Huwa minnu pero' li din il-verzjoni nghatat lilu minn Barry Grant, pero' llum il-gurnata jemminha ghax effettivament il-*generator* minn hemm ttiehed.

Jghid ukoll li huwa minnu li Barry Grant qallu li Henry Grogan ma kellux x'jaqsam ma' din il-kwistjoni. Qed jinghad mid-difiza li Henry Grogan ma kien jaf xejn li effettivament dan il-*generator* kien misruq. Dwar dan jixtieq jghid li naturalment il-Prosekuzzjoni ma taqbilx ma' din id-difiza, ghax kieku ma kinitx tressqu l-Qorti, w jghid li wara li gidiblu iktar u iktar kellu ghalfejn iressqu l-Qorti. Huwa minnu li Barry Grant kien iddikjara fl-istqarrija tieghu illi Henry Grogan m'ghandux x'jaqsam. Ix-xhud pero' ma jiftakarx jekk Grogan qalx li kien prezenti meta Barry Grant seraq dan il-*generator*, pero' jaf li Barry Grant kien qallu li Grogan kien prezenti fuq barra. Wara li ra l-istqarrija li rrilaxxja Henry Grogan, jghid li effettivament Henry Grogan stess qallu li kien ma' Barry Grant u kien waqqfu H'Attard barra r-razzett, u li kien Barry Grant li qabez ic-cint. Jghid ukoll li qal li Barry Grant kien gab *generator* minn fuq cint u Barry Grant kien dahhal ic-cilindru tal-gas u l-*generator* fil-karozza. Dan id-diskors qalulu Grogan fl-istqarrija tieghu u fil-fatt Grant qallu li dawk l-oggetti kienu ta' dak li kien qieghed f'relazzjoni m'ommu. Qallu wkoll li kellhom imorru Hal-Qormi u Haz-Zebbug biex ibieghhom.

**Nicholas Schembri** xehed nhar il-15 ta' Marzu 2011 u wara li gie muri ritratt esebit f'dawn l-atti w immarkat bhala

dok AP1 huwa gharaf l-oggetti hemm murija bhala prorpjeta’ tieghu. Qal li huwa kien poggihom f’ghalqa li huwa ghandu H’Attard u kkonferma li dawn loggetti ghandhom valur ta’ circa hames mitt Ewro (€500). Jiftakar li darba minnhom kien cempillu l-Ispettur Portelli w qallu li kellu l-affarijiet tieghu id-depot, u kien mar jigborhom. Stqarr li dawn l-oggetti llum jinsabu fil-pusess tieghu. Ikkonferma li meta mar sabiex ipoggi l-affarijet lura fil-kamra tal-ghalqa, kien sab li l-bieb kien sgassat. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat Grogan, jghid li ma jafux.

**Stephen Cachia** xehed nhar il-15 ta’ Marzu 2011 w gie mitlub jaghti nformazzjoni dwar il-vettura tal-ghamla Maruti Suzuki numru ta’ registrazzjoni HAS 623. Jghid li fl-20 ta’ Settembru 2010 din il-vettura kienet registrata mat-Transport Malta f’isem Carmel Grogan ID 774653 (M) u dan sa mit-2 ta’ Settembru 2010 sat-22 ta’ Dicembru 2010. Ilum din tinsab registrata fuq terzi.

**PC 1315 Jeffrey Abela** xehed u qal li nhar l-20 ta’ Settembru 2010 ghall-habta tat-3.30pm waqt li huwa kien ghaddej Hal- Qormi flimkien ma’ kollega tieghu PC 719 segwew karozza tal-ghamla Suzuki Maruti minn Triq San Bastjan, minn quddiem Charles Chircop Ironmongery sa Triq ir-Rebbiegha, limiti ta’ Farsina, Qormi. Hemmhekk huma waqqfuha w raw li kien hemm zewg persuni go fiha, l-imputat odjern u Barry John Grant. Huma ghamlu tfitttixija fil-vettura w sabu li kien hemm zewg cilindri tal-gas u *generator*. Huwa kkonferma li huma l-istess oggetti ndikati fir-ritratt immarkat bhala Dok AP1. Qal li l-imputat kien qallu li kien mar iwassal lil siehbu Barry John Grant sabiex ibiegh l-affarijiet li kellu fuq wara tal-karozza. Ma qallux li kien qed jaghmel pjacir lil Grant, izda qal li l-oggetti ma kinux tieghu zgur.

**PC 719 David Sant** xehed nhar il-15 ta’ Marzu 2011 u kkonferma dak li qal il-kollega tieghu PC 1315 Jeffrey Abela. Jghid li l-imputati qalulu li kienu qed iduru bl-affarijiet sabiex ibieghhuhom u li huma juzaw il-*generator* ghax-xoghol ta’ *gypsum* li huma jaghmlu. Qal li sinjali ta’ trabijiet fuqu ma kienx hemm, u ghalhekk talabhom l-ircevuta tieghu u huma qalu li ma kellhomx. L-imputat

qallu li l-*generator* kien ta' Grant u li huwa kien qed iwasslu biss. Jghid ukoll li l-imputat qallu li kien mar id-dar ta' Grant u rah hiereg bl-affarijiet. Meta huwa gie muri r-ritratti mmarkati bhala Dok AO1 u AO2 huwa kkonferma l-oggetti ndikati fid-dokument AP1 bhala l-istess oggetti li kien hemm fuq wara tal-karozza taghhom u dokument AP2 huwa ritratt tal-vettura li kienu rekbin fiha dakinhar li waqqfuhom gewwa Hal-Qormi.

**L-imputat Henry Grogan** xehed b'mod volontarju nhar l-4 ta' Mejju 2011 u spjega li kien ircieva telefonata minghand Barry Grant fejn qallu biex iwasslu biex jigbor xi *generator* li kien tieghu. Huwa effettivament wasslu, stennih fil-karozza, dan gab *generator* minn go ghalqa fi Triq San Tumas f'H'Attard, ghabbewh gol-karozza w telqu bih. Jinsisti li Barry Grant qallu li l-*generator* kien tieghu. Appena waslu Hal Qormi jaf li kien hemm il-pulizija li bdew isuqu warajhom, waqqfuhom u staqsewhom xi domandi fuq dan l-oggett li nstab fil-karozza. Jghid li huwa lill-pulizija li waqqfuhom qalilhom li l-*generator* kien ta' Barry Grant ghax hekk kien qallu. Lil Barry semghu jghid l-istess diskors lill-pulizija fil-presenza tieghu. In kontro- ezami, mistoqsi jekk jiftakarx li kellmu l-Ispettur Portelli, iwiegeb li iva. Barry kien qallu biex jghid li l-*generator* gabu mid-dar tieghu u kien ghalhekk li huwa lill-pulizija qalilhom hekk. Lilu ma qallux li kien misruq, pero' verament rah igorr il-*generator* minn fuq cint. Huwa staqsih jekk kienx tieghu u dak qallu li kien tieghu. Kien l-Ispettur li kkonfermalu li l-affarijiet kienu ta' l-gharus t'omm Barry Grant u mhux ta' Barry Grant innifsu.

Ikkunsdirat:

Illi l–prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'zewg reati li huma alternattivi, w cioe' dik ta' serq aggravate, u dik ta' ricettazzjoni. Issa sabiex tipprova l-akkuza ta' serq, naturalment ghandha tipprova li l-imputat kien komplici fis-serq, stante li l-Qorti diga' ghandha l-ammissjoni ta' Grant ghar-reat ta' serq.

Id-difiza tajjeb osservat li dak li qal Grant lill-pulizija fil-konfront tal-imputat odjern, m’ghandux valur stante li huwa kien gie akkuzat mal-imputat odjern u ghalhekk huwa komplici w ix-xhieda tieghu m’ghandhiex taffettwa lill-imputat, salv jekk mhix korroborata b’evidenza ohra.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-**artikolu 639(3)** tal-Kap 9 u cioe’ :-

"*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, x-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v John Bondin** datata tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din r-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza)

"*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.”*

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera, w li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fuqu giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien **Rex v Baskerville** (1916 - 2.K.B. 658) li rriteniet li

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)...*"

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George sive Gino Bezzina** nhar t-tletin ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

u m’hemmx bzonn li tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et** li tghid:

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lil akkuzat u tesdenti li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lil akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita importanti li l-akkuzat kkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija ricentement fit-tnejn ta' Dicembru, 1998, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulzija v John Said et** fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, pero’ trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita’ tal-versjoni ta' dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-versjoni u l-akkuzat. Trid tkun korrobarazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita’ kriminuza allegata mill-ahwa Sultana fix-xhieda taghhom verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat ma jreggix.

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi li fil-fatt jghid is-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide* ***Rex v Bezzina*** **-** *Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944***)** *what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide* ***Rex v Cuschieri*** *deciza 30 ta' Marzu, 1915***)** *confirming not merely a material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide* ***Police v Sammut*** *deciza 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***).**

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'humiex necessarji li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulzjoni ta' xhieda w fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li "*does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged"?* Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration*."

Issa f'dan il-kaz il-Qorti m'ghandhiex prova li l-imputat kellu *common design* ma' Grant sabiex jisraq l-oggetti ta' Schembri, ghandha biss - u dan mhux kontestat - il-fatt li l-imptuat odjern akkompanja lil Grant f'H'Attard f'ghalqa sabiex jigbor xi affarijiet, izda meta mistoqsi jekk kienx jaf

li l-oggetti kienux misruqa jghid li seta' jbassar dan. Illi ghalhekk tidhol l-akkuza ta' ricettazzjoni. L-imputat ghen lil Grant jghabbi dawn l-oggetti, li seta' jobsor li kienu gejjin mis-serq, fil-vettura tieghu, u mar jghinu jbieghhom.

Fil-fehma ta' din l-Qorti jigi rilevat li r-reat ta' ricettazzjoni huwa bazat fuq is-sistema Taljana, fuq l-**artikolu 421** tal-Codice Penale bid-differenza li l-artikolu Taljan, jesigi "*la certezza mentre l'acquisto*" mentri fil-ligi taghna m'hemmx referenza ghal din ic-certezza. Pero' s-sentenzi nostrana taw interpretazzjoni simili ta' dan r-reat, fis-sens illi jrid ikun hemm ix-xjenza da parti tar-ricettatur fil-mument tar-ricettazzjoni.

**Manzini** fl-opera tieghu ***Trattato di Diritto Penale*** jghid is-sewgenti:

*"Per l'imputabilita' del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta' del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

Waqt li l-posizzjoni Ingliza hi s-segwenti, w cioe' kif deskritta mill-awturi **Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) fejn jiktbu:

"*Knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn trattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni w is-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma il-principali fuq dan:

**a.** **Il-Pulizija v Bugelli (**vol XXXI pg. 468**)**
**b.** **Il-Pulizija v Simiana (**vol XXXIII pg. 966**)**

c. **Il-Pulizija v Muscat** (vol XXV pg. 706**)**
d. **Il-Pulizija v Degiorgio (**vol XXXVII pg. 1059**)**
e. **Il-Pulizija v Fenech (**vol XXIX pg. 694**)**
f. **Il-Pulizija v Calleja (**deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi w ta' ohrajn, johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjn jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;
2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;
3. Dan l-element jista’ jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;
4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa’ ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista’ jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;
5. Min jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu illegittimament u intant tilqa’ dak l-oggett mighajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, w mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;
6. Jigi iccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova ta' l-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*
7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo, imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibitlu xi prova partikolari tal-provenjenza delittuza minn min ikun bieghlu. Dan

ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu, li fil-mument tal-akkwist minn ikun xtara kellu x-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza delittuza tal-oggett, liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz, u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa w posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Illi m'hemmx dubbju minn dak li qal l-imputat stess, li l-imputat kien jaf li l-oggetti li huwa ghabba fil-vettua kellhom provenjenza llegittima w mar jghin lil Grant sabiex jiddisponi minnhom. Ic-cirkostanzi kienu tali li jindikaw li l-origini ma kienx wiehed legittimu. Grant jghid lil Grogan, l-imputat, sabiex jghid lill-pulizija li ghabbew l-oggetti minn daru, cioe' mill-Hamrun, u l-imputat jara lil Grant jghabbi l-oggetti minn fuq cint minn ghalqa. Dawn huma cirkostanzi li jikkrejaw hsieb gustifikat li l-origini ma kienux legittimu.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni w tilliberah mill-akkuza ta' serq aggravat li nghatat alternattivament mill-Prosekuzzjoni.

Rat il-Fedina Penali netta tieghu, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, w li ghalhekk l-imputat ghandu jitqies bhala *a first time offender*.

**Ghaldaqstant**, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w b'mod partikolari **l-Artikoli 261 (b) u (c), 263, 267, 278, 279, 280 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat HENRY GROGAN hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni mressqa kontra tieghu, u tikkundannah**

**multa ta' sitt mitt Ewro (€600) u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta' serq aggravat u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------